**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur (EU Law) Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kimberly Bianco**

**Illum 14 ta' Novembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Kimberly Bianco, Detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 182894M u cioe' illi:

L-imputata akkuzatha talli fl-14/03/2018 ghall-habta ta' 22.00hrs gewwa Hal-Qormi;

1. *Insulentajt u heddidt bil-kliem jew b' xi mod iehor lil Robert Mallia.*
2. *Permezz ta' xi network jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika heddidt li taghmel xi reat.*

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti ezebiti u l-affidavits ezebiti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti qieset il-konverzazzjoni kollha skambjata bejn l-imputata u l-parte civile, liema konverzazzjoni giet ezebita f' dawn l-atti. Il-Qorti tqies li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-imputata giet provokatha minn Robert Mallia u li b' dak li rrispondiet lil Robert Mallia ma marritx barra mil-limiti tal-provokazzjoni. Ghaldaqstant, din l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax ippruvatha.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqies li l-imputata qed tigi akkuzata li permezz ta' xi network jew apparat tal-kommunikazzjoni elettronika heddedt li taghmel xi reat. Mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-imputata qatt uzat kliem ta' thedid li ser taghmel xi reat. L-imputata ghalhekk giet akkuzata b' dak ravvizat fis-fis-sub-inciz (a) ta' l-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Gialadarba, l-akkuza hekk kif mahruga kontra l-imputata ma tikkontemplax ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni (ossija s-subiniciz (c) ta' l-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta), din il-Qorti sejra tghaddi biex tillibera l-imputata minn din it-tieni imputazzjoni.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 339 (1) ( e) u l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49 ( a) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputata mill-imputazzjonijiet kollha.**

**Magistrat** **Deputat Registratur**